# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju, 2023

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 120/2022 ISB**

**George Borg (K.I. 844154 M)**

**U**

**Elizabeth Borg (K.I. 0750557 M) werrieta tal-azzjonist Lewis sive Louis Borg (K.I. 0540759 M)**

**fil-kapaċita' tagħhom ta' azzjonisti tas-Soċjeta' Chervil Limited (C-10773)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **__ir-rikors__** ta' **George Borg** u **Elizabeth Borg**, intavolat fl-24 ta' Novembru 2020, li permezz tiegħu huma talbu lil-Qorti sabiex:-

> *"…tordna r-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini talArtikolu 325 (4) tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta):-*

*i. Jerga` jdahhal l-isem tas-socjeta Chervil Limited (C 10773) ir-Registru tal-Kumpaniji ; u*

*ii. Tordna lill-istess Registratur jaghmel il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-Ligi relattivament tal-inserzjoni fir- Registru tal-Kumpanniji u dana kollu taht dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni."*

U dan wara li ppermettew:

*Illi r-rikorrenti George Borg u l-mejjet Louis Borg huma azzjonisti tal-kumpanija* ***CHERVIL LIMITED (C 10773)*** *;*

*Illi Lewis sive Lewis Borg miet fil-wiehed u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn ghoxrin (21.06.2022) kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat Dokument A u l-werrieta universali tieghu hija martu Elizabeth Borg kif jirrizulta mir-ricerki testamenatarji ghal testament pubblici u sigrieti u l testament annessi u mmarkat bhala Dokumenti B, Dokumenti C u Dokumenti D;*

*Illi s-socjeta' Chervril Limited (C 10773) naqset milli tottempra ruhha mad-dispozizzjonijiet u r-rekwiziti mandatorji tal-Ligi rigward il-kumpanniji u prattici ohra u per konsegwenza giet` imnehhija minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fil-hamsa u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (25.06.2020) kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat Dokument E;*

*Illi r-rikkorrenti saru jafu b`dan ricentament u hassew ruhhom aggravat bil-fatt li l-isem tas-socjeta` Chevril Limited (C 10773) thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Illi r-rikorrenti huma lesti li jiehdu kull azzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni sabiex din tigi riattivata;*

*Illi hekk kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza huma ghandhom interess li l-isem tal-imsemmija socjeta` jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji sabiex l-istess kumpannija bl-assi taghha tkun tista` tkompli topera u tibqa` topera u dan anki' ghaliex l-kumpanija hija projetarja ta' assi immobiljari;*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 11);

Rat **id-digriet** tagħha, tat-2 ta' Diċembru 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-20 ta' Jannar 2023 fl-10:00 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi fid-9 ta' Jannar 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 17) b'dokumenti hemmek anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi skont l-aħħar informazzjoni miżmuma mir-Reġistratur, ir-rikorrenti George Borg u l-mejjet Louis Borg huma l-azzjonisti tal-kumpanija Chervil Limited (C 10773) li kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fit-28 ta' Ġunju 1989, u mhux 'Chervril Limited' kif indikat fir-rikors promotur;*
>
> *Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji, tant illi l-ebda kont annwali ma ġie sottomess fiż-żmien li l-kumpanija kienet fuq ir-Reġistru, filwaqt li l-aħħar prospett annwali kien dak tas-sena 1995;*
>
> *Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*
>
> *Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex tikteb lill-kumpanija u lill-uniku direttur tagħha Louis Borg, illum deċedut, sabiex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*
>
> *Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha li hu Chervil Limited, 'Chervil', Triq Ġuzeppi Cali, Tarxien u kif ukoll lid-direttur tagħha*

*fl-istess indirizz, bl-ittri datati t-12 ta' Frar 2020 (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur);*

*Illi t-tieni avviż gie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija u kif ukoll lid-direttur fuq l-istess indirizzi nhar il-25 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri l-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fil-25 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi ta' min jiġi rrimarkat kif is-soċjeta' surreferita Chervil Limited jew xi uffiċjal tagħha qatt ma oġġezzjonaw għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Reġistratur għal-ġid ta' kull min seta qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur baqgħet qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fis-26 ta' Ġunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi l-uffiċjali ta' Chervil Limited injuraw il-multi u l-pagamenti dovuti lir-Reġistratur. Tant hu hekk illi l-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal EUR 8,394.07 u filwaqt illi l-penali fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-prospetti u tal-kontijiet annwali jammontaw għal EUR 22,350 biex b'hekk l-ammont totali dovut a kreditu tar-Reġistratur jammonta għal* ***EUR 30,744.07*** *sad-data tar-rikors promotur;*

*Illi l-kumpanija konċernata tibqa' tinkorri dawk il-penali li jirriżultaw mil-liġi sakemm tali dokumentazzjoni u informazzjoni neċessarja tiġi ssottomessa lir-Reġistratur;*

*Illi fir-rigward tal-penali, is-subartikolu 6 tal-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' ta' kull uffiċjal u membru tal-kumpanija għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija Chervil Limited terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha tissottometti d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

> *Illi għaldaqstant l-esponent qiegħed umilment jissolleva li huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma jispiċċax b'kumpaniji fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit li m'humiex in regola mal-Att jew liġijiet sussidjarja tagħha.*

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2022, dehru l-Avukat Franco Galea u l-Avukat Ilona Debono għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat illi f'dik l-udjenza, ir-rikorrenti iddikjaraw id-disponsibilita` sħiħa tagħhom li jirregolarizzaw l-pendenzi kollha li kellha l-kumpanija Chervil Limited mal-intimat qabel sar it-tħassir.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Mejju 2023, minn fejn jirriżulta illi d-difensur tar-rikorrenti għarrfet lill-Qorti li r-rikorrent kien dispost illi anke permezz ta' ftehim li jintħalaq mar-Reġistratur intimat jagħmel il-pagamenti minnu dovuti u d-difensur tal-intimat għarrfet lill-Qorti li r-rikorrenti dakinhar stess kienu ngħataw ir-rendikont tal-penalitajiet pendenti u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti, li huma azzjonisti tal-kumpanija **Chervil Limited (C 10773)**, qed jitolbu li terga' tidahhal fuq ir-Registru tal-Kumpanniji wara li l-kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fil-25 ta' Ġunju 2020.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandhom kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante partikolarment il-fatt li l-kumpanija għandha assi li sejrin jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta' Malta, kif ukoll li r-rikorrenti għadhom interess li l-kumpanija tkompli topera.

Illi r-rikorrenti iddikjaraw mill-bidu, illi huma kienu lest li jieħdu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Chervil Limited u filfatt iddikjaraw li lest jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex jkunu f'posizzjoni li jirregolarizzaw l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpanija **Chervil Limited (C 10773)** ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti pero`, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilita' li kellhom ir-rikorrenti illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrenti

żammew kelmithom u l-promessa magħmula mill-istess rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kienu waslu sabiex jiġu regolarizzati u kellu jintlahaq ftehim bejniehtom dwar dan.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Chervil Limited (C 10773)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Chervil Limited (C 10773)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fil-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Chervil Limited (C 10773)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |